

Kawża C-196/09

Paul Miles *et*

vs

L-Iskejjel Ewropej

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kunċett ta’ ‘qorti jew tribunal ta’ xi Stat Membru’ fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE — Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej — Sistema ta’ remunerazzjoni għall-għalliema ssekondati fl-Iskejjel Ewropej — Nuqqas ta’ aġġustament tar-remunerazzjonijiet wara d-deprezzament tal-Lira Sterlina — Kompatibbiltà mal-Artikoli 18 TFUE u 45 TFUE”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali E. Sharpston, ippreżentati fis- 16 ta’ Diċembru 2010	I - 5107
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-14 ta’ Ġunju 2011	I - 5139

Sommarju tas-sentenza

Domandi preliminari — Rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja — Qorti nazzjonali fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE
(Artikolu 267 TFUE)

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma għandhiex il-ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għal talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej.

Sabiex tiddetermina jekk organu ta' rinviju għandux in-natura ta' qorti jew tribunal skont l-Artikolu 267 KE, kwistjoni li taqa' unikament taħt id-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja tiegħu inkunsiderazzjoni sensiela ta' kriterji, bħal jekk l-organu huwiex stabbilit mil-liġi, jekk huwiex permanenti, jekk il-ġurisdizzjoni tiegħu hijiex ta' natura obbligatorja, jekk il-proċeduri quddiemu humiex *inter partes*, jekk l-organu japplikax regoli tad-dritt, kif ukoll jekk huwiex indipendenti.

għalhekk, jiġi kklassifikat bħala qorti fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, huwa ma jaqax, madankollu, kif indikat minn dan l-artikolu, taħt xi wieħed mill-Istati Membri iżda taħt l-Iskejjel Ewropej, li huma, kif stabbilit fl-ewwel u fit-tielet premissi tal-Konvenzjoni tal-Iskejjel Ewropej, sistema *sui generis* li toħloq, permezz ta' ftehim internazzjonali, forma ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u bejnhom u l-Unjoni. Hija tikkostitwixxi organu ta' organizzazzjoni internazzjonali li, minkejja l-kuntatti funzjonali li għandha mal-Unjoni, tibqa' formalment distinta minnha u mill-Istati Membri tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sempliċi fatt li l-Bord tal-Appell kien obbligat li japplika l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni fil-każ li jieħu konjizzjoni ta' kawża ma huwiex biżżejjed biex l-imsemmi bord jiddaħħal fil-kunċett ta' "qorti jew tribunal ta' xi Stat Membru" u b'hekk jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 267 tat-TFUE.

Issa, minkejja li l-imsemmi Bord tal-Appell jissodisfa dawn l-elementi u għandu,

(ara l-punti 37-39, 42, 43, 46 u d-dispożittiv)